REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2325

tal-11 ta' Diċembru 2015

li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), it-tnedija ta' proċediment antidumping rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") u mill-Federazzjoni Russa ("ir-Russja"), wara li tressaq ilment fl-1 ta' April 2015 minn Eurofer ("l-ilmentatur") f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ.

1. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(2) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, jew azzar illigat ieħor iżda eskluż l-azzar inossidabbli, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksija, b'liga jew mgħottija u mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana) iżda ma jinkludix:

— prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksijin, b'liga jew mgħottijin, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettrika,

— prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksijin, b'liga jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

— prodotti rrumblati ċatti ta' azzar ta' xi liga oħra, ta' kull wisa', ta' azzar siliċju-elettriku, u

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar illigat, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), tal-azzar b'veloċità għolja,

li joriġinaw miċ-Ċina u mir-Russja ("il-pajjiżi kkonċernati"), li bħalissa jinsabu fil-kodiċi(jiet) NM ex 7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99, ex 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80, ex 7211 29 00, 7225 50 80, 7226 92 00. Dawn il-kodiċijiet NM qed jingħataw biss għall-informazzjoni.

2. TALBA

(3) It-talba għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku saret mill-ilmentatur fit-12 ta' Novembru 2015. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentament ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni.

3. IR-RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(4) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana biex jieħdu l-passi xierqa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati sussegwentement fuq dawk l-importazzjonijiet. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51
([2]) ĠU C 161, 14.5.2015, p. 9

(5) L-ilmentatur jiddikjara li r-reġistrazzjoni hija ġġustifikata billi l-prodott ikkonċernat għadu qed ikun suġġett għal dumping u l-importaturi kienu jafu tajjeb dwar il-prattiki ta' dumping li kien ilhom għaddejjin għal perjodu estiż ta' żmien u kienu qed jikkawżaw dannu għall-industrija tal-Unjoni. L-ilmentatur jiddikjara wkoll li l-importazzjonijiet Russi u Ċiniżi qed jikkawżaw dannu għall-industrija tal-Unjoni u li kien hemm żieda sostanzjali fil-livell ta' dawk l-importazzjonijiet, ukoll wara l-perjodu tal-investigazzjoni, li jimmina b'mod serju l-effett ta' rimedju tad-dazju ta' kontra d-dumping, jekk jiġi applikat tali dazju.

(6) Il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu dwar il-prattiki ta' dumping tal-esportaturi. Evidenza *prima facie* suffiċjenti f'dan ir-rigward kienet tinsab fl-ilment u dan kien ippreżentat fin-notifika ta' bidu għal dan il-proċediment ([1]). Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment stmat li kien hemm marġini ta' dumping ta' 28 % għall-importazzjonijiet Ċiniżi u ta' mhux aktar minn 20 % — 25 % għall-importazzjonijiet Russi. Meta titqies il-firxa tad-dumping li jista' jkun qed iseħħ, ikun raġonevoli li wieħed jassumi li l-importaturi jkunu jafu, jew misshom kienu jafu, bis-sitwazzjoni.

(7) Għaċ-Ċina, l-ilmentatur ipprovda fl-ilment evidenza dwar il-valur normali bbażat fuq l-informazzjoni tal-ipprezzar ta' produttur Kanadiż, billi kien għażel il-Kanada bħala pajjiż analogu. Għar-Russja, l-ilmentatur ipprovda evidenza dwar valur normali maħdum (l-ispejjeż tal-manifattura, tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi u l-profitt stmati). L-evidenza dwar id-dumping hija bbażata fuq tqabbil tal-valuri normali b'dan stabbiliti mal-prezz tal-esportazzjoni (fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-prezz tal-esportazzjoni Ċiniż ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' disa' fatturi ta' bejgħ ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni, filwaqt li l-prezz tal-esportazzjoni Russu ġie stabbilit billi ntużat id-dejta tal-Eurostat.

(8) Minbarra dan, l-ilmentatur ipprovda kemm fl-ilment kif ukoll fit-talba għar-reġistrazzjoni biżżejjed evidenza fil-forma ta' dikjarazzjonijiet għall-istampa li fihom huma deskritti l-prattiki ta' dumping mill-esportaturi Ċiniżi u Russi u li *prima facie* ma setgħux u ma kellhomx jiġu injorati mill-importaturi.

(9) Mill-bidu tal-proċediment f'Mejju 2015, ġiet osservata żieda ulterjuri ta' madwar 33 % għaċ-Ċina u ta' 45 % għar-Russja meta jitqabblu l-volumi tal-importazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu ta' Mejju 2014 sa Settembru 2014 mal-istess perjodu fl-2015 (jiġifieri l-perjodu wara l-inizjazzjoni). Fit-talba għar-reġistrazzjoni, l-ilmentatur qabbel ukoll il-volumi kkombinati tal-importazzjonijiet Ċiniżi u Russi tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu Jannar 2014 — Settembru 2014 mal-perjodu Jannar 2015 — Settembru 2015. Dan il-paragun wera żieda ta' 24 % fil-volum tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Dan juri li kien hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet Russi u Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat fl-ewwel nofs tal-2015 u aktar minn hekk wara l-bidu tal-investigazzjoni preżenti.

(10) L-ilmentatur inkluda wkoll evidenza *prima facie* fl-ilment u fit-talba għar-reġistrazzjoni dwar ix-xejra ta' tnaqqis tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjoni għall-pajjiżi kkonċernati. Fl-ilment, il-prezz tal-bejgħ Ċiniż medju lejn l-Unjoni naqas b'16 %, filwaqt li l-prezz medju tal-bejgħ Russu lejn l-Unjoni naqas b'7 % bejn l-2010 u Settembru 2014. Fit-talba għar-reġistrazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni għall-perjodu 2011 sal-ewwel nofs tal-2015 ġew imqabbla, u wrew tnaqqis ta' 21 % fil-prezz medju tal-importazzjoni Ċiniż u tnaqqis ta' 26 % għall-prezz tal-importazzjoni medju Russu. B'mod ġenerali, u meta jitqies id-daqs tal-marġinijiet tad-dumping allegati, din l-evidenza tipprovdi biżżejjed sostenn f'dan l-istadju li l-esportaturi kemm fiċ-Ċina kif ukoll fir-Russja qed iwettqu dumping. F'dak li jirrigwarda l-prezzijiet tal-importazzjoni wara l-bidu tal-każ f'Mejju 2015, tnaqqis ulterjuri ta' 5 % ġie osservat għal kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati bl-użu taċ-ċifri ta' Settembru 2015 fil-Eurostat.

(11) Minbarra dan, fl-ilment hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li qed jiġi kkawżat dannu u fis-sottomissjonijiet magħmula fil-qafas tal-investigazzjoni, inkluża t-talba tar-reġistrazzjoni, hemm evidenza li jiġi kkawżat dannu addizzjonali permezz ta' tkomplija taż-żieda f'dawn l-importazzjonijiet bi prezzijiet li jkomplu jonqsu. Fid-dawl taż-żmien, iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u ċirkostanzi oħrajn (bħall-kapaċità eċċessiva fiċ-Ċina u l-komportament tal-ipprezzar tal-esportaturi Ċiniżi u Russi) x'aktarx li jimminaw serjament l-effett ta' rimedju ta' kull dazju definittiv, sakemm dawn id-dazji ma jiġux applikati b'mod retroattiv. Barra minn hekk, fid-dawl tat-tnedija tal-proċedimenti attwali u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tal-importazzjonijiet Russi u Ċiniżi f'termini ta' prezzijet u volumi sa issa, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-livell tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jista' jiżdied ulterjorment qabel l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, jekk ikun hemm minnhom, u li l-inventarji jistgħu jinbnew b'mod rapidu mill-importaturi.

4. **PROĊEDURA**

(12) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza *prima facie* biex jiġġustifika li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU C 161, 14.5.2015, p. 9 (it-Taqsima 3 tan-notifika ta' bidu).

(13) Il-partijiet kollha interessati huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

5. **REĠISTRAZZJONI**

(14) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiżguraw li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jiġu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(15) L-ilmentatur jikkalkula fl-ilment marġini tad-dumping medju ta' 28 % u marġni medju ta' bejgħ taħt il-prezz ta' 19 %-22 % għaċ-Ċina għall-prodott ikkonċernat. Għar-Russja, l-ilmentatur jikkalkula li l-marġini medji tad-dumping huma fil-medda ta' 15 % sa 20 % għall-prodott ikkonċernat. Il-marġini medju tal-bejgħ taħt il-prezz għar-Russja jvarja minn 23 % sa 27 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont stmat ta' responsabbiltà possibbli fil-futur huwa stabbilit għaċ-Ċina fil-livell ta' bejgħ taħt il-prezz, stmat abbażi tal-ilment, jiġifieri 19 %-22 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat. Għar-Russja, l-ammont stmat ta' responsabbiltà possibbli fil-futur huwa stabbilit fil-livell ta' dumping medju stmat abbażi tal-ilment, jiġifieri 15 %-20 % *ad valorem* fuq il-valur tal-importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

6. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(16) Kull dejta personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, biex jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, jew azzar illigat ieħor iżda eskluż l-azzar inossidabbli, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksija, b'liga jew mgħottija u mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana) iżda li ma jinkludux:

— prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksijin, b'liga jew mgħottijin, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettrika,

— prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksijin, b'liga jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

— prodotti rrumblati ċatti ta' azzar ta' xi liga oħra, ta' kull wisa', ta' azzar siliċju-elettriku, u

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar illigat, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), tal-azzar b'veloċità għolja,

li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa ("il-pajjiżi kkonċernati"), li bħalissa jinsabu fil-kodiċi (jiet) NM ex 7209 15 00 (il-kodiċi TARIC 7209 15 00 90), 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99 (il-kodiċi TARIC 7209 18 99 90), ex 7209 25 00 (il-kodiċi TARIC 7209 25 00 90), 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80 (il-kodiċi TARIC 7211 23 80 19, 7211 23 80 95 u 7211 23 80 99), ex 7211 29 00 (il-kodiċi TARIC 7211 29 00 19 u 7211 29 00 99), 7225 50 80 u 7226 92 00.

Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

2. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, biex jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 20 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER